SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Giljan

**Laqgħa Nru.26/K8/17**

Data tal-laqgħa 03 ta' Frar 2017

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Giljan fl-4.15 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Dott Albert Buttigieg – Vici-Sindku
Rita Dimech Portelli - Kunsilliera
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
Martin Sultana - Kunsillier
John Agius- Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (3))**

Edgar Montanaro (Inc. 755/17) – Kunsillier
Clayton Tanti Gregoracy (Inc. 773/17) – Kunsillier

**Assenti:(0)**

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Cassar - Skrivana

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

26.1.01 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoraci talab li jiġi skużat għal-laqgħa tal-Kunsill (Ara Inc. 773/2017)

26.1.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro talab li jiġi skużat għal-laqgħa tal-Kunsill peress li jinsab imsiefer minħabba każ ta` mard fil-familja (Ara Inc. 755/17). Għalhekk ġie deċiż unanimament li tintbagħatlu ittra ta`nkoraġġiment f'dan il-mument diffiċli.

26.1.03 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

26.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 25/K8/17 għall-approvazzjoni.

26.2.02 Saret korrezzjoni tal-Minuti 25/K8/17 mill-Kunsillier Martin John Sultana dwar punt 25.2.06 fejn hu talab li flok il-kliem 'Qajjem il-punt dwar St. Patrick's Day' għandu jinkiteb 'talab x'qagħda wassalna f'St. Patrick's Day'. Il-Kunsill qabel fuq dawn il-korrezzjonijiet.

26.2.03 Il-Viċi-Sindku Allbert Buttigieg ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

26.2.04 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli issekondatu.

26.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajma mill-Minuti**

26.2.06 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li x-xogħol ta' tindif fil-Wied tal-Balluta tlesta.

26.2.07 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar il-programm ta' St. Patrick's Day filwaqt li l-Kunsillier Martin John Sultana ppreżenta ittra lis-Segretarju Eżekuttiv mingħand l-istabbilment Tigulio. Ġie ċċarat il-punt li l-permessi tal-*bars* ser jinħarġu kollha mill-Kunsill għalhekk il-flus li qed jintalbu mingħand il-Massive Promotions mhux qed jinkludu l-permessi iżda għal tindif ecc filwaqt li l-Kunsill ma kienx jaf l-ammont ta' flus li qed jintalab mingħand l-istabbilimenti. Il-Kunsill ġie nfurmat li ser issir laqgħa urġenti mal-Massive Promotions fil-ġimgħat li ġejjien.

26.2.08 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-*Bus Shelter* ta' Triq Ġorġ Borġ Olivier twaħlet u saret talba sabiex isir *Bus Shelter* ġdid fi Triq

Sant’Andrija ħdejn Pender Place. Madanakollu, dan il-*Bus Shelter* ma jistax isir minħabba l-wisa’ tal-bankina. Ser tintbagħat *reminder* lill-Faces Ltd dwar il-*Bus Shelter* ta’ Triq ta’ Ġiorni peress li jinsab imkisser.

-

26.2.09 Dwar il-punt 25.3.01 il-Viċi-Sindku talab sabiex jkun jaf jekk hemmx xi tweġiba dwar id-devoluzzjoni ta’ Palazzo Spinola u s-Segretarju Eżekuttiv poġġa l-korrispondenza kollha li kien hemm mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn saret talba formali u ġew mgħoddija d-dokumenti kollha mitluba.

26.2.10 Il-Kunsillier John Agius staqsa għalfejn it-talba tad-devoluzzjoni ma saritx sabiex it-tieni sular isir dar tal-anzjani. Hawnhekk il-Martin John Sultana nforma lill-Kunsill li sabiex ssir dar tal-anzjani hemm ċertu *standards* li jridu jiġu osservati.

26.2.11 Il-Kunsill talab ukoll li jintbagħatu *reminders* lill-Onorevoli Dr. Deborah Schembri s-Segretarju Parlametari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva, fir-rigward il-Kumpless Dun Anton Sciberras. Filwaqt li ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa mal-Onorevoli Dr. Stefan Bountempo, s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali rigward l-istess kumpless u *issues* oħra li l-Kunsill għandu pendenti.

26.2.12 Dwar il-punt 25.3.07 il-Viċi Sindku staqsa dwar il-latrini pubbliċi tal-Balluta, għalhekk is-Sindku nforma lill-Kunsill li fl-imsemmija latrini, ftit tax-xhur ilu saru xi xogħolijiet ta’ tisbiħ madankollu ser ssir talba lill-Awtorita’ tat-Turiżmu sabiex dawn jiġu rranġati minħabba l-ammont kbir ta’ nies li jagħmlu użu minnhom speċjalment fix-xhur tas-Sajf. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-latrini ta’ ħdejn il-monument tal-LOVE ingħalqet peress li l-post kien ikkundanat.

26.2.13 Għal mistoqsija tal-Viċi Sindku fir-rigward il-punt 25.5.04 dwar il-bankini ta’ Triq B’Kara, is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ammont tal-istima tal-Perit hi għolja ħafna u jekk ser issir, parti biss mil-bankini, ir-residenti ser jilmentaw. Għalhekk s-Segretarju Eżekuttiv ser jiċċara dan il-punt mal-Perit.

26.2.14 Fir-rigward il-punt 25.5.06, is-Segretaju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni ta’ Triq Scicluna saret bil-lift u din daħlet il-Planning Authority.

26.2.15 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-punt 25.5.02 fadal żmien sal-31 ta’ Marzu 2017 biex napplikaw għall-fondi ta’ restawr ta’ postijiet pubbliċi.

26.2.16 Fir-rigward 25.5.05 is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-parti minn Triq il-Kbira (minn ħdejn il-Barracuda Restaurant sa' ħdejn ic-City of London Bar) ser ssir Triq Ċensu Tabone. Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli resqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-fatt li xi residenti qed jilmentaw dwar it-tibdil tal-isem tat-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill dwar ilment li rcieva fir-rigward il-bdil tal-isem ta' Triq Dun Anton Debono.

26.2.17 Dwar il-punt 25.5.07 is-Segretarju nforma lill-Kunsill li t-talba għall-kwotazzjoni għall-attivitajiet kulturali ħarġet fuq is-sistema tal-EPPS u ġiet ippreżentata l-kwotazzjoni mingħand il-Leon Promotions. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li l-kwotazzjoni ta' Leon Promotions tiġi aċċettata.

## 26.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

26.3.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li mil-1 ta' Frar 2017 beda il-kuntratt il-ġdid ta' *Cleaning and Maintenance of Parks and Gardens.*

26.3.02 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li wara laqgħa li saret ma' Uffiċċjal tal-Awtorita' tat-Turiżmu, dan informana li l-Awtorita' ser tipprova tgħin lill-Kunsill biex isir xi ntervent ta' manutenzzjoni fi Ġnien Spinola.

26.3.03 Iċ-Ċermen informa lill-Membri li l-Kunsill għad m'għandux data meta ser issir l-appell tat-*tender* tal-knis.

26.3.04 Iċ-Ċermen qajjem il-punt fir-rigward l-iskart li jkun hemm fi Triq Paceville ħdejn The Avenue Restaurant u nforma lill-Kunsill li l-*Management* ta' The Avenue aċċetta li titqabbad mal-istabiliment tiegħu biex titħaddem il-*camera.* Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li waqt l-aħħar laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Paceville ġie deċiż li ssir *camera* fi Triq Paceville ħdejn Lombard Bank.

26.3.05 Iċ-Ċermen informa lill Kunsill li nhar it-Tlieta 7 ta' Frar 2017 fis-1.00 ta' wara nofsinhar ser issir laqgħa mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet fi Triq il-Kbira ħdejn in-Neptunes. Dan minħabba li qed jidħol l-ilma fis-saqaf tan-Neptunes u qed ikun allegat li dan qed jiġri minħabba li x-xogħol fil-bankina ma kienx sar tajjeb.

26.3.06 Iċ-Ċermen ippreżenta l-*Objection* li saret lill-Awtorita' tal-Ippjanar fir-rigward il-bini ta' Triq Wied Ghomor.

26.3.07 Iċ-Ċermen ippropona li jiġi maħtur sotto-kumitat għall-ambjent. Dan il-Kumitat ikollu wkoll jimmoniterja l-permessi li jinħarġu mill-Awtorita’ tal-Ippjanar. Ġie deċiż ukoll li l-lista tal-persuni li ser ikunu parti mis-Sott-Kumitat tiġi diskussa waqt laqgħa oħra

26.3.08 Ġie deċiż unanimament li l-Awtorita’ tal-Ippjanar tiġi nfurmata li l-permess li nħareġ fuq San Ġiljan bin-numru PA 5004/16 tinsab f’Tas Sliema.

26.3.09 Fir-rigward ir-*reserved parking* fi Triq Sant’Elija l-Kunsill ġie nfurmat li ntalbet informazzjoni lit-Transport Malta sabiex l-Kunsill ikun jaf eżatt ta’ min huma.

26.3.10 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li xi *telephone booths* f’San Giljan tneħħew u bħalissa qed jitwaħħlu *bicycle stands*.

26.3.11 Il-Kunsillier John Agius allega li qed jiżdiedu l-*U-Shape Barriers* fi Triq il-Kbira għalhekk ġie deċiż li l-Kunsillier John Agius u s-Segretarju Eżekuttiv imorru *onsite* jivverifikaw in-numru tal-*U-Shape Barriers.*

26.3.12 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħolijiet fil-Kunvent li jinsab il-Balluta.

26.3.13 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li l-MAPFRE Insurance ser jħallsu għaż-*zebra crossings* fit-toroq prinċipali tal-lokalita. Huma ġew nfurmati ukoll li diġa saret waħda fil-Balluta ħdejn il-latrini pubbliċi bħala prova.

26.3.14 Is-Sindku ssuġġerixxa li s-siġar li kienu ser jitħawlu fil-Wied tal-Balluta, għandhom jitħawlu f’bandi oħra f’San Ġiljan. Il-Kunsillier Martin John Sultana ppropona li ftit minnhom għandhom jitħawlu fi Triq San Mark. Il-Kunsill qabel unanimament.

26.3.15 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntratt tal-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq hu skadut għalhekk ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ta’ San Ġiljan jingħaqad mal-Kunsill tas-Sliema, San Ġwann u Swieqi u jinħareġ tender wieħed. Għalhekk il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-ġimgħa d-dieħla ser issir laqgħa mal-Kunsilli l-oħra u s-Segretarji Eżekuttivi ser jaħdmu t-*tender* flimkien.

26.3.16 Il-Viċi-Sindku qajjem il-punt jekk il-Kunsill jistax jingħaqad ma’ Kunsilli oħra speċjalment ta’ madwar San Ġiljan biex isir *towing service* tal-karozzi abbandunati. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ħadd ma jkun irid ikun responsabbli għal dawn il-karozzi u meta kienet ħarġet sejħa simili minn xi lokalitajiet oħra, ħadd ma applika.

26.3.17 Il-Kunsill ġie nfurmat li saret laqgħa ma' Dr. Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, u waqt din il-laqgħa ġie nfurmat bil-problemi li hawn f'San Ġiljan.

26.3.18 Il-Kunsill ġie nfurmat li għada, s-Sibt 4 ta' Frar 2017 ser issir konferenza stampa quddiem l-blokka 'The Fives' fi Triq Patrick Brydone iżda l-Kunsill ma jafx it-tema ta' din il-konferenza minħabba li f'dik l-*area* kien hemm ħafna problemi.

26.3.19 Ġie deċiż unanimament li l-email li l-Kunsill kien bagħat lis-Sur Silvio Scerri, Transport Malta, tintbagħat lill-Kunsillier Martin John Sultana sabiex ikellmu personalment.

26.3.20 Ġie deċiż unanaimament li l-Kunsill jagħmel kuntatt mas-Sur Alfred Baldacchino dwar is-siġar tal-Wied tal-Balluta.

26.3.21 Is-Sindku ressaq talba ta' Dr. Alfred Grima sabiex fi Triq B'Kara jsir *temporary parking* minflok *parking bay* sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jieqfu għal ftit kemm jniżżlu xi affarijiet jew jinżlu l-anzjani. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li din it-talba titressaq lit-Transport Malta

## 26.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

26.4.01 Il-Viċi-Sindku qajjem il-punt li hu mhux qed jirċievi risposta fuq l-emails kollha li bagħat, infatti minn Ottubru sallum ma rċeviex risposta fuq għaxar emails. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Viċi-Sindku li f'xi emails minnhom, kienet intbagħatet risposta.

26.4.02 Iċ-Ċermen ressaq l-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv għall-attenzjoni tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li għandu r-riservi tiegħu. Hawnhekk il-Viċi-Sindku telaq mil-laqgħa, fis-6.20p.m. minħabba nuqqas ta' qbil kif ukoll minħabba li kien qed iħossu li kien hemm nuqqas ta' rispett lejh.

26.4.03 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv jieħu l-*Performance Bonus* sħiħ (10%).

26.4.04 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera permezz ta' ittra personali lil kull Kunsillier li mill-*Allowance* li jmiss tagħhom ser jiġi mnaqqas ammont ta' flus skond kemm ma attendewx laqgħat matul is-sena l-oħra. Dan wara kjarifikazzjoni min-naħa tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Saret diskussjoni qasira u ġie deċiż li l-Kunsilliera ser jieħdu azzjoni huma personali u jitkellmu ma' uffiċċjali huma.

## 26.5 Korrispondenza

**Rif Nru. 7800**

26.5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-istima mingħand il-Perit Anthony Bezzina dwar xogħolijiet fi Triq Claire E Engel. Ġie deċiż li dan ix-xogħol isir.

**Rif Nru. 330**

26.5.02 Saret riferenza għat-talba sabiex jiġi organizzat l-*Malta Artisian Markets* fil-Balluta. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ssir laqgħa mas-Sinjura Alexia Samut-Tagliaferro sabiex jiġu diskussi l-proposti tagħha.

**Rif Nru. 394**

26.5.03 Saret riferenza għat-talba sabiex isiru reklamar f'Paceville u San Ġiljan bejn Ġunju u Awwissu. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ssir laqgħa mas-Sur Jean-Luc Micallef.

**Rif Nru. 503**

26.5.04 B'riferenza għall-korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-*Europe for Citizens Programme* ġie deċiż unanimament li l-kunsilliera jiltaqgħu u jiddiskutu din il-proposta u jresqu l-proposti tagħhom waqt laqgħa oħra.

**Rif Nru. 613**

26.5.05 Saret riferenza għall-email mingħand l-Amadeus Chamber Choir dwar kunċert li ser ikun organizzat fi żmien l-Għid il-Kbir. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jistax jilqa' il-proposta tagħhom minħabba li skond il-liġi ma nistgħux nagħtu donazzjonijiet.

**Rif Nru. 615**

26.5.06 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand ir-Reġjun Ċentru dwar survey li qed isir. Is-Sindku ta' spjegazzjoni dwar dan is-survey filwaqt li ħeġġeġ lill-kunsilliera jieħdu sehem.

**Rif Nru. 2252**

26.5.07 B'riferenza għall-korrispondenza mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni tad-Dar tal-Anzjani, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jieħu parir mingħand l-Avukat jekk

għandux jwaqqa' din l-applikazzjoni hu jew inkella taqa' waħedha.

**Rif Nru. 679**

26.5.08 B'riferenza għall-korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-proġett *Interreg Med Programme 2014-2020,* il-Kunsilliera ġew nfurmati li min jixtieq jattendi għandu jkellem lill-Amministrazzjoni.

**Rif Nru. 739**

26.5.09 B'riferenza għall-korrispondenza mingħand Bank of Valletta dwar tħawwil ta' sigar ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni u dawn għandhom jitħawlu fi Triq San Mark.

## 26.6 Rapport Amministrattiv 2016

26.6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-Rapport Amministrattiv 2016 (Ara appendiċi 'A').

26.6.02 Is-Segretarju ta spjegazzjoni ta' dan ir-rapport.

26.6.03 Il-Kunsill qabel unanimament mar-Rapport Amministrattiv 2016.

## 26.7 Business Plan 2017 - 2019

26.6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Business Plan 2017 -2019 (Ara appendiċi 'B').

26.6.02 Is-Segretarju ta spjegazzjoni ta' dan ir-rapport.

26.6.03 Il-Kunsill qabel unanimament mal-Business Plan 2017 - 2019.

## 26.8 Premjazzjoni Ġieħ San Ġiljan

26.7.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li għal sena oħra konsekuttiva ser jerġa jorganizza Ġieħ San Ġiljan għalhekk l-Kunsilliera għandhom jibagħtu email bl-ismijiet tal-persuni li qed jinnominaw sabiex din tkun tista tiġi diskussa waqt il-laqgħa li jmiss.

## 26.9 Kunsiderazzjoniu Approvazzjoni tal-Iskedatal-Pagamenti

26.9.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom.(Ara appendiċi 'Ċ')

26.9.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

26.9.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

26.9.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**26.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' *Purchase Request Sheets***

26.10.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4120 sa 4152. (Ara appendiċi 'D').

26.10.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' l-imsemmija *Purchase Request Sheets*.

**26.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

26.11.01 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15p.m.u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 16 ta' Frar 2017 fl-4.00p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 16 ta' Frar 2017